KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 462 (9-5)

It-Tnejn 30 ta' Settembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia (daħal fis-6.15pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal fis-6.15pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**462.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**462.1.1** Inqrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dominic Grech.

**462.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 461. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument.

**462.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Is-Sindku rrefera għal item 461.3.4. Hu qal li ftit qabel is-Seduta rċieva l-abbozz tal-ftehim mill-avukat tal-kunsill. Dan ser jiġi ċċirkolat biex jiġi mressaq fis-Seduta li jmiss, kif ukoll ser tingħata kopja tal-abbozz lill-president tal-football club.

**462.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**462.3.1** **Opportunita' ta' ġemellaġġ mal-Comune di Noto fi Sqallija**

Is-Sindku informa li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġie mistieden għal laqgħa informali fejn bdew diskussjonijiet għall-eventwali ġemellaġġ mal-Belt ta' Noto fi Sqallija. Is-Sindku qal li Noto hija belt mimlija riżorsi kemm bl-ambitu ta' kultura, agrikoltura, bini barokk u hija anka Unesco World Heritage City. Is-Sindku semma wkoll li f'Noto hemm uffiċċju għat-turiżmu attrezzat ħafna. Huwa qal li kemm is-Sindku u anka l-membri tal-Kunsill urew ospitalita' kbira fejn ġew diskussi l-ambiti komuni bejn iż-żewġt ibliet li fuqhom jista' jiġi bbażat ftehim ta' ġemellaġġ. Is-Sindku qal li l-ġemellaġġ prinċipali tas-Siġġiewi jibqa' dak mal-belt ta' Bari, iżda l-Kunsill ma jistax jeskludi opportunitajiet oħra fejn il-poplu tas-Siġġiewi, l-għaqdiet u komunitajiet diversi jistgħu jibbenefikaw fi skambji ma' bliet oħra, li huma aċċessibbli u viċin tagħna. Is-Sindku propona li jibda il-proċess għall-ġemellaġġ mal-Belt ta' Noto. Il-Kunsill unanimament qabel.

**462.3.2** **Upgrade fis-sistema telefonika tal-Kunsill**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Charles Vassallo u s-Segretarju Eżekuttiv intlaqgħu mas-supplier tas-sistema tat-telefonija fejn raw possibiltajiet ta' titjib fl-effiċjenza meta persuni jċemplu fl-uffiċċju tal-Kunsill. Hu qal li s-sistema bħalissa qegħda fuq 2 channels u ser tinqaleb għal 8, fejn did-differenza fl-ispiża hija minn €300 għal €450 fis-sena. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir l-upgrade.

**462.3.3** **Rifużjoni ta' towing**

Is-Sindku qal li fil-preparamenti ta' festa għeneb fejn kien hemm permessi għal clearance tal-pjazza fuq jumejn, it-13 u l-14 ta' Settembru biex jibda jintrama il-palk, kien hemm każ ta' rmunkar ta' vettura mill-Pulizija. Irriżulta li fejn kienet ipparkjata din il-vettura, l-avviż imwaħħal kien juri d-data tal-14 mhux tat-13, u għalhekk is-sid qed jappella u jitlob rifużjoni ta' €200 biex inġabret il-vettura. Is-Sindku propona li biex jiġu evitati kwistjonijiet ulterjuri, anka peress li jidher biċ-ċar li l-individwu ma kellux tort, jingħata rifużjoni tal-ammont. Il-Kunsillier Albert Pace qabel li dan huwa każ ġenwin u ssekonda. Il-Kunsill unanimament qabel.

**462.3.4** **Laqgħa ma' Transport Malta u Trasport Pubbliku**

Is-Sindku informa li flimkien mal-Kunsilllier Albert Pace u s-Segretarju Eżekuttiv saru laqgħat ma' Transport Malta u l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku fuq diversi issues, fosthom: l-ispustajar tal-venda mill-Pjazza, il-ħsara fuq iz-zuntier, bdil tar-rotta fejn sar test route bil-ħsieb li jkun hemm rotta ċirkulari biex nevitaw li l-karozzi jieqfu l-pjazza. Għandna nirċievu draft tar-rotta l-ġdida biex tiġi mressqa quddiem il-Kunsill. Saret talba wkoll biex ir-rotta ta' Għar Lapsi tiġi estiża, liema talba intlaqgħet u r-rotta ġiet estiża sa Novembru. Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa jekk hux possibbli

li l-venda tiġi spustjata b'mod immedjat. Is-Sindku qal li ser inkomplu insegwu id-diversi issues sakemm tinstab l-aħjar soluzzjoni.

**462.3.5 Sezzjoni ta' team building għall-istaff, ħaddiemaa ta' barra u kunsilliera**

Is-Sindku qal li wara li tkellem mas-Segretarju E#ekuttiv, ikun xieraq li issir attivita' ta' konnessjoni bejn l-istaff, il-ħaddiema ta' barra u l-membri tal-Kunsill, 'il barra mill-ambjent ta' uffiċċju. Is-Sindku qal li nġiebu stimi għal koordinament ta' attivita' u ġiet miftehma li din issir fid-19 ta' Novembru, filgħodu fejn imbgħad nispiċċaw b'lunch flimkien. Is-Sindku qal li attivita' bħal din tgħin biex ikun hemm iktar koperazzjoni u sinerġija fir-rwoli u ħeġġeġ lill-kulħadd jattendi.

**462.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**462.4.1** Il-Kunsillier Francine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm xi aġġornament dwar il-pixxina tal-iskola. Is-Sindku qal li għad ma kienx hemm laqgħa mal-kap tal-iskola.

**462.4.2** Il-Kunsillier Francine Farrugia staqsiet jekk ingħatatx data oħra għal-laqgħa mas-Supretendent rigward diversi issues. Is-Sindku qal li għadna qed nistennew data.

**462.5 Aġġornament - Dekasteri u responsabbiltajiet**

**462.5.1** Is-Sindku informa li saru xi tibdiliet żgħar fir-responsabiltajiet tal-Kunsilliera. Hu qal li STEM tpoġġa taħt ir-responsabilta' tal-Kunsillier Christopher Farrugia peress li hu marbut ma' innovazjoni, filwaqt li jaqa' ukoll taħt l-edukazjoni, allura jistgħu jittieħdu inizjattivi bejn iż-żewġ dekasteri.

**462.5.2** Is-Sindku qal li l-fuljett ser jibda jieħu ħsieb hu u jiġi assenjat editur biex jikkoordina l-materjal, setting u stamper.

**462.5.3** Il-Viċi Sindku qal li saru il-laqgħat tad-dekasteri kemm tal-kultura u wirt storiku. Hu qal li informa l-membri dwar proġetti li ġew approvati fis-Seduta biex b'hekk jinbeda x-xogħol fuqhom. Huwa qal li qed jiġbor l-informazzjoni fuq bażi volontarja tan-negozi permezz ta' googleform. Huwa qal li infetħet chat bejn l-għaqdiet biex jibda forum, permezz tac-chat ikun jista' jżommhom aġġornati b'kull inizjattiva jew skema relattiva. Huwa qal li qed jingħaqaq sotto-kumitat fuq it-turiżmu.

**462.5.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia infurmat li fil-21 t'ottubru ser issir laqgħa informattiva lil- cat feeders kollha, fejn ser tiġi spjegata lilhom il-leġislazzjoni relattiva, id-drittijiet u id-dmirijiet tagħhom bħala feeders. Hija qalet li iktar tard ser jitqassmu vouchers għall-ikel li ser jiġu provduti minn Animal welfare. Hija qalet li qed tikkuntatja lil AW rigward fondi pendenti mill-iskema LC Care, semmiet il-problema biex jinbidlu dog bins eżistenti u jiżdiedu oħrajn, l-issue tal-ħmieġ tal-ħamiem. Hija semmiet il-proġett tal-Mobility li għadu ma bediex u li qegħdin f'komunikat ma' Transport Malta biex jagħtuna il-go ahead tal-aħħar emendi. Infurmat li fit-30 ta' Novembru ser issir attivita' letterarja, bil-għajnuna finanzjarja tar-Reġjun, kif ukoll ser tiġi inawgurata librerija fuq barra, b'kotba dwar inklużjoni finanzjati kemm mir-Reġjun Punent kif ukoll minn fondi oħra. Fil-11 t'Ottubru ser issir laqgħa mal-Kap tal-Iskola fejn ser jiġu diskussi diversi inizjattivi, użu tas-sala tal-iskola, proġett ta' tħawwil ta' siġar, proġetti ma' Ekoskola. Infetħu diversi korsijiet għax-xhur tax-xitwa fosthom Zumba, pilates, arti, letteratura, u korsijiet tal-lifelong learning. Ser isiru wkoll sezzjonijiet qosra bħal 'kors tal-bexx'. Saret sejħa ta' interess għall-pubbliku ta' korsijiet li jixtiequ, u ser issir sejħa għal min jixtieq jgħallem. Qed taħdem fuq inizjattiva għal pink October għall-aħħar ta' Ottubru.

**462.5.5** Il-Kunsillier Charles Vassallo irringrazja lil kull min ta' sehemu biex festa għeneb kienet suċċess. Hu qal li fid-dekasteru indafa ix-xogħol ma jonqosx, bl-aħħar xhur segwa kontinwament qtugħ ta'ħaxix, tindif rurali ta' diversi munzelli, u rimi llegali, u knis f'diversi toroq. Hu qal li bi ftehim mal-kuntrattur qed jitwaħħlu no parking signs

minn qabel biex it-triq tkun tista titnaddaf sew, anka fejn jipparkjaw il-vetturi, u fejn kien hemm bżonn bħat-triq Ta' Kandja inġiebu uffiċjali minħabba s-sigurta' tal-ħaddiema. Flimkien mal-Kunsillier Chris Farrugia qal li iltaqgħu mal-kuntratturi u daru dawra tajba l-area ta' Ramija fejn jonqos xi żbir li ħa jsir fil-jiem li ġejjin. Hu rringrazja lil min ta sehemu fl-attivita' ta' tindif, lill-iscouts, lir-Reġjun Punent, l-amministrazjoni, Kunsilliera, Kuntratturi, Cleansing Department, u diversi sponsors. Huwa qal li permezz tal-membri tal-kumjitat indafa, kulħadd għandu settur x'jieħu ħsieb bħal tindif urban, rurali u clean-ups perjodiċi. Hu qal li waħda mill-problemi fl-urban huwa l-ħmieġ li jitħalla bl-ikel tal-qtates li qed jattira l-ġrieden ġdejn id-djar.

**462.5.6** Rigward innovazjoni huwa qal li qiegħed fil-proċess biex tingħalaq il-formola tal-customer care online. Saret laqgħa biex titjieb is-sistema tat-telefonija u l-pubbiku jkun jista jinqeda aħjar. Iltaqa mas-supervisor tal-anzjani fuq diversi inizjattivi għal żmien il-Milied.

**462.5.7** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li qed jaħdem fuq l-applikazzjoni għal European Week for Waste Reduction li tagħlaq fl-aħħar ta' Ottubru. Hu qal li t-tema tal-applikazzjoni hija dwar kif tutilizza fdalijiet tal-ikel u tħejji riċetti oħrajn biex jitnaqqas il-ħela tal-ikel.

**462.5.8** Il-Kunsillier Albert Pace qal li qed ikun frekwenti Għar Lapsi fejn qed iħejji rapport dwar diversi punti ta' miljorament ta' xogħol li jista' jsir fix-xitwa. Hu qal li l-mall ta' Għereq Miżun fiħ ħsara estensiva, il-fence irid jitbiddel u jsir pendent mhux minn mal-art, irid jitneħħa ġebel li qiegħed perikoluż. Hu qal li bħalissa intrama scaffolding u ser jibda żvilupp li għandu għaddej żmien twil u jista jkollu xi effetti fuq il-bajja. Huwa talab li jkollu kopja ta' rapport tal-Enemalta li jkollhom ċertu dewmien u li jkun hemm iktar feedback u follow ups tal-ilmenti. Il-Kunsillier Pace qal li mhux sodisfatt bis-servizz tat-tindif tal-bajja mid-Dipartiment tal-Cleansing, u qed jitlob li jkun hemm laqgħa mad-Direttur dwar dan.

**462.5.9** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li b'koordinament mar-Reġjun Punent qed jaħdem għall-attivita' sportiva reġjonali fil-bajja ta' Għar Lapsi is-Sibt 5 t'Ottubru 2024. Ser issir ukoll inawgurazzjoni u tberik ta' kenura mas-Siġġiewi Rowing Club, u attivita' koordinata mill-Klabbs tal-Football u Basketball tal-lokal, sezzjonijiet ta' Zumba, u logħob tal-boċċi minn klabb ta' lokalita' fir-reġjun. Ser jipparteċipa wkoll negozju tal-kenuri f'Lapsi. Huwa ħeġġeġ il-parteċipazzjoni u l-għajnuna tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Farrugia qal ukoll li qed jaħdem fuq tournament tal-football mar-Reġjun, li ħa jsir fil-kumpless sportiv tas-Siġġiewi fit-13 ta' Diċembru ma' nurseries oħra. Hu qal li dawn l-attivitajiet iħajru lit-tfal jieħdu sehem f'dixxiplini sportivi. Hu qal ukoll li qed jistħarreġ proġetti innovattivi STEM.

**462.6** **Aġġornament - Proġetti infrastrutturali**

**462.6.1** Bankini

Is-Sindku informa li l-ewwel set ta' bankini inbeda. Hu qal li ser jibda xogħol ieħor biex ikun qed isir in parallel u qed jikkoordina mal-Perit tal-Public Works u anka mal-kuntrattur minħabba aċċessibilta' u l-inqas inkonvenjent possibbli lir-residenti. Is-Sindku rringrazja lil- Public Works tal-ħafna xogħol pjanat u ieħor li ġie sottomess u approvat. Huwa qal li ma tagħmilx sens li jsir xogħol ieħor b'fondi lokali fil-frattemp meta haw ħafna xogħolijiet diġa għaddejjin.

**462.6.2** Internships ta' student fuq pjanar urban

Is-Sindku informa li bħalissa haw żewġ student franċiżi tal-arkitettura u pjanar urban li ser iqattgħu diversi ġimgħat mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u qed jassistu biex tinġabar data fuq il-bankini, qisien u istat tagħhom għal compendium tat-toroq fil-lokalita'.

462.6.3 Zuntier

Is-Sindku qal li mhux kuntent bil-mod kif għaddej ix-xogħol fuq iz-zuntier u qal li b'din il-frekwenza mhux ser jitlesta kif pjanat. Hu qal li iċċekja mal-Perit responsabbli dwar l-andament.

462.6.4 Family Park

Rigward ix-xogħol fil-Family Park, is-Sindku qal li x-xogħol għaddej bil-mod ħafna u mhux ser ikun lest sal-aħħar tas-sena kif pjanat. Hu qal li kien deluż ħafna kif ġiet trattata l-issue tal-isem tal-ġnien, fejn fl-aħħar ġranet l-INDIS ħarġu b'isem mingħajr l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill. Hu qal li jidher ċar li dan l-isem ma kienx maħsub minn qabel, anka peress li matul il-proġress meetings li jsiru kull ġimgħa, meta konna nistaqsu, qatt ma ġie propost l-ebda isem. Dan jidher ukoll mid-diskussjoni fis-Seduta preċedenti meta il-membri issuġġerew ismijiet oħra, saħansitra kien hemm kumment biex il-ġnien ma jsirx obitwarju. Is-Sindku fakkar li l-art fejn inbena l-ġnien hija intitolata lill-kunsill u għalkemm ix-xogħol qed isir mill-Indis il-ġnien jibqa' propjeta tal-Kunsill. Huwa qal li l-mozzjoni approvata dwar l-isem tal-ġnien tibqa' valida.

462.6.5 Ġnien Ramija

Is-Sindku qal li qed isegwi mal-Public Works rigward l-istadju tal-proċess tat-tenders għall-CCTVs u l-għamara ta' barra fejn waslu biex jingħalqu u l-landscaping li pjanat għal Ottubru. Hu iċċekja dwar manutenzjoni u hemm ftehim ta-żamma (upkeep) għal sentejn. Is-Sindku talab kopja tal-ftehim tas-soft areas.

462.6.6 Xogħol ieħor

Is-Sindku qal li qed nistennew l-approvazzjoni ta' Road Works Permit għal xogħol ta' patching estensiv fi Triq il-Panorama f'Dingli Cliffs ħdejn il-ħruġ tal-barrieri, modifikazzjoni f'bankina ma' Ġnien it-Tabib Albert Fenech f'Wesgħat il-Palazz, patching fi Triq Mons Mikiel Azzopardi u l-belisha crossings fi Triq Dun Manwel Zammit u Triq Mons Mikiel Azzopardi. Is-Sindku semma li rigward talba għal zebra crossing lejn Triq il-Palazz tal-Verdala hemm problema biex jinstab l-aħjar post minħabba li hemm il-garaxxijiet.

462.6.7 Installazjoni ta' crash barriers

Is-Sindku qal li qed isegwi dwar installazjoni ta' crash barriers f'Ta' Brija junction, Triq Angelo Dorini u mad-dawra tat-triq ta' Għar Lapsi ħdejn il-barriera.

**462.7 Approvazzjoni tar-rapport finali tat-Tender Non-Urban**

462.7.1 Is-Sindku informa li il-proċess ta' evalwazzjoni għadu ma ingħalaqx.

**462.8 Bidu ta' proċess ta' Procurement għal xogħol maġġuri ta' tħawwil ta' siġar u tisbiħ (greenery) ta' żoni rurali u urbani**

462.8.1 Is-Sindku qal li bi pjan li fil-lokalita' jiżdiedu ammont kunsiderevoli ta' siġar, qed isir eżerċizzju biex jiġu identifikati biċċiet ta' art imdaqqsin tal-gvern. Huwa qal li ġew identifikati żewġ persuni li jistgħu jassistu f'dan il-proġett, is-Sur Gerald Vella bħala formulazjoni ta' tender u s-Sur Jonathan Henworth bħala espert fis-siġar. Is-Sindku propona l-approvazzjoni biex jinbeda dan il-proċess. Il-Kunsill unanimament approva.

**462.9 Bidu ta' process ta' tender għal istema diġitali**

462.9.1 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li l-uffiċċju jkollu sistema diġitali ta' kuntatt kontinwu mal-pubbliku, feedback għall-ilmenti, notifications u avviżi. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Charles Vassallo flimkien mal-amministrazzjoni qed jaħdmu fuq l-aħjar sistema, u nibnu fuq dik interna li diġa titħaddem. Is-Sindku qal li għalissa ma jista' jiġi kommess l-ebda budget għax għad irid isir stħarriġ.

**462.10** **Aġġornament proġett Mobility 2023**

**462.10.1** Is-Sindku qal li qegħdin f'komunikat ma' Transport Malta għal approvazzjoni tal-aħħar emendi li saru. Hu qal li hemm bżonn li l-implimenazjoni tibda mill-iktar fis biex ma jintilfux fondi.

**462.11** **Preparament għall-attivitajiet Novembru u Diċembru 2024**

**462.11.1** Is-Sindku elenka lista ta' attivitajiet għax xhur li ġejjin:

- Il-proġett għal Betera għadu pendenti peress li qed nistennew konferma minn għandhom għal dati
- Fis-26 t'Ottubru – żjara uffiċjali id-Dar tal-Providenza
- Fit-30 ta' Novembru – attivita' litteriżmu mar-Reġjun Punent u l-Aġenzija tal-litteriżmu, fi Ġnien Citta' Ferdinand
- mit-12 sas-17 ta' Novembru 2024 - Proġett Erasmus 'GreenPact' fis-Siġġiewi
- Attivita' f'Wied Hesri flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ li bi ħsieb li ssir kull 3 xhur (dettalji 'il quddiem)
- Fis-6 ta' Diċembru – Festa ta' San Nikola tat-tfal mill-iskola u l-parroċċa
- Fit-13 ta' Diċembru filgħodu - Attivita' sportiva Reġjonali man-nurseries tal-Football
- Fit-13 ta' Diċembru 2024 wara nofsinhar - Attivita' tal-Milied

**462.12** **Mozzjoni dwar art fi Triq Dun Anton Vella, Triq Wied il-Ħesri u Triq il-Girgenti, Siġġiewi**

**462.12.1** Is-Sindku qara l-Mozzjoni:

*"Billi huwa ta' interess pubbliku illi jkollna żoni miftuħa fil-lokalita' tagħna, speċjalment żoni f'urban;*
*Billi teżisti porzjon ta' art li sal-lum il-ġurnata mhux qed titgawda mis-Siġġiwin, liema art tikkonfina ma' Triq Dun Anton Vella, Triq Wied il-Ħesri u Triq ii-Girgenti, hekk kif muri fis-site plan anness f'Dokument M01 (porzjon ta' art immarkata b'kulur aħmar);*
*Billi skond il-pjan lokali tas-sena 2006 (SMLP, 2006), din il-porzjon ta' art hija immarkata bħala SMSE04, u cioe', 'Public Urban Open Space';*
*Billi din il-porzjon ta' art hija waħda mil-ftit li fadal bħala 'Public Urban Open Space', fiż-żona tal-iżvilupp (Development Zone) tas-Siġġiewi u għalhekk huwa obligu tal-Gvern u tal-Kunsill Lokali, li jassigura li jsir l-aħjar użu minn din l-art;*
*Billi s-Siġġiewi Scout Group ilu għal diversi snin jagħmel talbiet kemm lill-Gvern, kif ukoll lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, għal għajnuna ta' spazju miftuħ għall-bżonnijiet tat-tfal u iż-żgħażagħ;*
*Billi din il-porzjon ta' art, li titkejjel madwar 800 metru kwadru, hija idejali sabiex jiġi mfassal spazju sabiex jintuża mir-residenti tas-Sigġġewi kif ukoll l-għaqdiet f'istess lokalita';*

*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024,*
*Jirriżolvi li minnufih jibda l-proċess sabiex l-art li tikkonfina ma' Triq Dun Anton Vella, Triq Wied il-Ħesri u Triq il-Girgenti fis-Siġġiewi indikata fis-site plan hawn mehmuża u mmarkata bħala "Dokument M01" tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.*

*Jirriżolvi li ġaladarba l-imsemmija art tiġi devoluta lilu, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jiżviluppa din l-art fi spazju ta' rikreazzjoni għar-residenti tas-Siġġiewi, kif ukoll spazju għall-bżonnijiet, attivitajiet u inizjattivi tal-Grupp tal-Iscouts tas-Siġġiewi."*

**462.12.2** Propona l-Mozzjoni is-Sindku Julian Borg.
Issekondaw: il-Viċi Sindku Ryan Cachia u l-Kunsilliera Francine Farrugia u Charles Vassallo

| | |
|---|---|
| **462.12.3** | Il-Kunsillier Albert Pace qal li l-mozzjoni kienet diskussa mal-minority group u hemm qbil bħala proċess li l-art tiġi devoluta lill-Kunsill biex isir l-aħjar użu minnha. |
| **462.12.4** | Il-Kunsillier Pace preżenta pjanta tal-Palazz ta' Fiefu fi Triq il-Kbira u qal li kien hemm kawża twila li issa inqatgħet li dan il-palazz huwa propjeta' tal-Gvern. Hu qal li irid iressaq mozzjoni dwar din il-propjeta'. Is-Sinkdu spjega li peress li hija ta' natura differenti għandu jkun hemm mozzjoni separata. |
| **462.12.5** | Is-Sindu talab votazzjoni fuq il-mozzjoni kif preżentata. Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni. |
| **462.13** | **Applikazzjoni "Vjal Kulħadd"** |
| **462.13.1** | Is-Sindku informa li saret it-tnedija tal-proġett 'Vjal Kulħadd' li hemm sitt ġimgħat biss biex tiġi sottomessa applikazzjoni għall-proġett. Is-Sindku spjega li l-iskop ta' dan il-proġett huwa li jiġu krejati spazji pubbliċi, jiżdiedu l-ispazji ta' parkeġġi, jiżdiedu s-siġar, jinħoloq spazju pedonali u għar-roti, jiżdiedu ħdura u riserva għall-ilma tax-xita, nikrejaw spazju aktar sigur. Is-Sindku propona proġett fi Triq Mons Mikiel Azzopardi li jolqot dawn il-punti kollha. Hu propona li jsir il-proċess għal din l-applikazzjoni. Qal ukoll li inġiebet stima minn Perit intiż għall-proġetti simili ta' €3500 eskluża l-VAT, biex issir din l-applikazzjoni saż-żmien stipulat. Il-Kkunsill unanimament approva. |
| **462.14** | **Skema SPI/SCI/07/2024 – Espressjoni ta' interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi** |
| **462.14.1** | Is-Sindku rrefera għal din l-iskema li qed titlob espressjoni ta' interess għal xogħolijiet minuti bħal tikħil, kisi, żebgħa u manutenzjoni ħafifa fuq għamara ta' binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill. Hu qal li wara li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv, ġiet identifikata il-lattrina tal-Pjazza. Hu qal li l-lattrina għadha bżonn dawra in ġenerali u ma setgħetx tiġi inkluża fi skemi oħra minħabba nuqqas ta' aċċessibilta'. Din l-applikazzjoni tagħlaq fit-18 t'ottubru 2024. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir l-applikazzjoni kif propost mis-Sindku. |
| **462.15** | **Skema ta' finanzjament mir-Reġjun Punent – Awtomatizzazjoni ta' Lattrini Pubbliċi – Aġġornament** |
| **462.15.1** | Is-Sindku informa li l-Kunsill għandu daqs €60k fondi mir-Reġjun għal awtomatizzazjoni ta' lattrina, li s'issa ma kienx hemm l-ebda proposta konkreta biex isir xogħol, wara li kienu ġew proposti kemm il-lattrina ta' Għar Lapsi u anka dik tal-pjazza li ma tikwalifikax minħabba aċċessibilta'. Is-Sindku qal li tħejjiet BOQ mill-perit tal-kunsill għal-lattrina tal-Girgenti. Minħabba limitazjoni fiż-żmien, peress li x-xogħol irid ikun lest mhux iktar tard minn Marzu 2025, qed isir kuntatt mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex ix-xogħol isir minnhom bi ħlas. Qed issir spezzjoni fuq il-post u nistennew konferma dwar dan. |
| **462.16** | **Proġetti Ewropej – CERV (Citizens, Equality, Rights and Values programme)** |
| **462.16.1** | Is-Sindku informa li l-applikazzjoni għal proġett CERV bit-titlu 'EchoGreen' kienet ġiet eliġibbli. Dan il-proġett li jrid jitwettaq f'20 xahar huwa finanzjat interament minn fondi ewropej għal total ta' €158k, u jipparteċipaw fiħ 14-il pajjiż, fosthom anka il-Kunsill ta' Bari u mmexxi mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Hu irringrazja lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol fi ħdan dan il-proġett u qal li bħalissa għaddejja komunikazzjoni mal-partners biex sal-aħħar tas-sena ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt. It-twettiq tal-proġett hija mifruxa fuq is-snin 2025-2026. |

**462.17** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**462.17.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**462.17.2** Is-Sindku ddikjara kunflitt fuq PA6568/24.

**462.17.3** Inġibdet l-attenzjoni fuq applikazzjoni PA07598/21 *Site at, Triq Burgabrun off, Triq l-Imqabba, Siggiewi , Description of works: To sanction deposition of inert material and area for stockpiling; proposed phasing out plan for the restoration of disused quarry to recycle construction and demolition waste for a period of 25 years*, biex niċċekjaw jekk kienetx saret sottomissjoni mill-kunsill u jiġu ċċirkolati lill-kunsilliera.

**462.17.4** Inġibdet l-attenzjoni fuq PA5969/24 Site at (Field), Triq il-Kilpa, Ta' Hax-Xluq, Siggiewi, *Description of works: Proposed construction of broiler farm, including construction of wood shaving and feed store with overlying pv panels, manure clamp, cesspit, broiler house and sanctioning of rooting of dead trees, planting of new trees, beaten earth, shifting of reservoir and pump room, and ancillary store which includes equipment room, changing room, office and wc*. Il-Kunsill talab li jkollna iktar informazzjoni.

**462.17.5** Is-Sindku qal li bħala Kunsill ġdid għandu jieħu aktar pjan ta' azzjoni fuq kwistjonijiet ambjentali.

**462.18** **Rapport tal-Korrispondenza**

**462.18.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**462.19** **Rapport tal-ilmenti**

**462.19.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**462.20** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**462.21** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**462.21.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li qed isegwi l-proċess għall-installazzjoni tac-cctvs kemm dawk tar-reġjun u anki dawk tal-kunsill kif ġew approvati. Hu qal li qed jikkoordina mas-supplier fuq il-lat tekniku u kkonferma is-siti fejn ser issir l-installazzjoni. Hu qal li fil-ġranet li ġejjin ser titwaħħal l-ewwel camera tar-Reġjun fi Triq il-Panoramika (fit-triq ta' Għar Lapsi), imiss dawk ta' quddiem il-kappella tal-Providenza u ħdejn il-kamra tal-ilma Triq iż-Żerniq (Ramija). Ser jitwaħħlu wkoll dawk tal-Kunsill faċċata tal-istatwa tar-ruħ fi Triq il-Fawwara, ħdejn il-kamra tal-ilma il-Girgenti u fi Triq l-Imdina mħabba sigurta'.

**462.21.2** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li irċieva talba għal parkeġġ blu fi Triq Dun Manuel Zammit għal min għandu blue sticker u jmur jinqeda mill-Berġa. Sar qbil li ssir applikazzjoni għal communial blue bay.

**462.21.3** Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa jekk il-Kunsill għandux aċċess għall-fondi tal-lokal mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

**462.21.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet il-problema ta' qtugħ ta' dawl fiż-żona fejn il-konsum żdied drastikament minn binja ġdida.

**462.21.5** Il-Kunsilliera qalet li il-Family Park diġa qed jintuża minn ħafna nies li joħorġu l-klieb u qed jitħalla ħafna ħmieġ. Hija talbet biex ikun hemm numru ta' dog bins.

**462.21.6** Il-Kunsillier Chris Farrugia reġa talab dwar żieda ta’ dawl in-naħa taċ-ċentru Santissima Trinita.

**462.21.7** Il-Viċi Sindku semma l-ħajt ta’ wara l-kappella tal-Providenza u saqsa jekk dan jistax jitneħħa u jiġi l-aċċess dawra mejt mal-kappella.

**462.21.8** Huwa staqsa jekk il-Bajja ta’ Għar Lapsi tistax tiġi ddikjarata bħala swimming zone. Il-Kunsillier Albert Pace, wieġeb li l-bajja hija slip way armata biex jitniżżlu id-dgħajjes.

**462.21.9** Il-Kunsillier Albert Pace semma id-diversi rapport rigward is-shower li kien hemm fil-bajja. Hu qal li għal sena oħra, hemm bżonn li din titpoġġa f’żona iktar adegwata biex ma jerġax jiġri l-istess, fejn kien jakkumula l-ilma u jiġi ilma qiegħed.

**462.21.10** Il-Viċi Sindku staqsa dwar is-sigurtà’ fi Triq il-Knisja l-Qadima waqt il-ħinijiet tal-mużew. Hu qal li minkejja hemm it-tabella, xorta jgħaddu l-vetturi b’periklu għat-tfal. Is-Sindku qal li mill-14 ta’ Ottubru, il-Kunsill qed jerġa’ jħallas għal-servizz ta’ gwardjan waqt il-ħinijiet tal-mużew.

**462.21.11** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet dwar il-preżenza tal-Pulizija ħdejn il-bieb tal-iskola waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li il-preżenza tal-pulizija ħdejn l-iskejjel mhux taħt ir-responsabilta’ tal-Kunsill Lokali.

**462.21.12** Is-Sindku informa li bħalissa qed isir xogħol mill-ħaddiema tal-kunsill fiż-żewġ kmamar t’isfel taċ-ċentru ċiviku, biex eventwalment jitranġaw għal uffiċċju tas-sindku u kamra għal-laqgħat. Is-Sindku qal li qed jinġiebu stimi għall-għamara. Irrimarka wkoll li hemm bżonn updgrade tal-mikrofoni tas-sala peress li l-livestream jidher li ma jiġix trasmess ċar biżżejjed.

**462.22** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.25 ta’ filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 28 t’ Ottubru 2024 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum 28 t’ Ottubru 2024

Julian Borg
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv